“KONT BIL-ĠUĦ U TMAJTUNI”

Sussidju għall-Katekeżi mal-Adolexxenti

UFFIĊĊJU DJAKONIJA
GĦAWDEX
2022

Daħla

L-istorja tal-Knisja hi katina waħda ta' għemejjel ta' ħniena b'risq il-foqra tad-dinja. Għad li mhix nieqsa wkoll mid-dnubiet, il-Knisja tilma b'eżempji ta' qaddisin li saru opra ta' ħniena u waqqfu opri ta' ħniena, li bosta minnhom għadhom magħna sal-lum.

Din il-ħidma tal-Knisja ssib l-għeruq tagħha fil-persuna u fil-kelma ta' Ġesù, li għad li kien għani, ftaqar minħabba fina, sabiex aħna nistagħnu bil-faqar tiegħu (ara 2 Kor 8:9). Ġesù jaqra l-programm tal-ministeru pubbliku tiegħu fid-dawl tal-Profeta Isaija: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin…" (Lq 4:18-19). Hu ministeru li jmiss mill-qrib mal-foqra, il-morda, il-vulnerabbli. Fit-Testment il-Ġdid Niltaqgħu ma' diversi sommarji li jiġbru fil-qosor il-ħidma ta' Ġesù: "tafu kif Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa, u kif dan Ġesù għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan, għax Alla kien miegħu." (Atti 10:38).

Fid-Diskors Eskatoloġiku li nsibu fil-Vanġelu ta' Mattew, Ġesù jagħmel l-Opri tal-Ħniena, jew l-imħabba lejn l-foqra, il-kejl tal-ġudizzju universali: « 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja. Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni.' » (Mt 25:34-36)

F'rabta mal-Pjan Pastorali Djoċesan, li jiffoka fuq ix-xandir tal-Kelma ta' Alla, l-Uffiċċju Djakonija ħejja dan is-sussidju kateketiku indirizzat primarjament għall-pastorali mal-adolexxenti. Dan is-sussidju jista' jikkumpliment sussidju simili mħejji mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

1. Kont bil-ġuħ u tmajtuni

1.1. Ice-breaker: Marshmallow fest

1.1.1. Jitħejja kontejner bil-marshmallows. Titqiegħed marshmallow waħda inqas min-numru tal-grupp (jew tnejn, skont kemm hu kbir il-grupp). Fil-bidu, il-youth minister jgħid lil kull membru tal-grupp biex jieħdu marshmallow (u possibilment jikluha).

1.1.2. Xi ħadd mill-grupp se jibqa' mingħajr marshmallow. Ħu r-reazzjoni ta' min baqa' mingħajr marshmallow u anke tal-oħrajn. Staqsiehom jekk hemmx xi esperjenza ta' xi ħadd li jiftakar meta u għaliex kienu bil-ġuħ (pereżempju qabel xi operazzjoni jew eżami mediku, jew fir-Randan) u ara x'jiftakru.

1.1.3. Introduċi l-opri tal-ħniena (ara Mt 25:11-46), b'riferiment partikulari għall-ewwel waħda, li se tiġi mfissra f'din il-laqgħa.

1.2. Role Play: Il-Miraklu tat-Tkattir tal-Ħobż (Mt 14:13-21)

1.2.1. Agħżel grupp ta' adolexxenti biex iħejju r-role play. Ikun hemm bżonn il-personaġġi ta' Ġesù, xi appostli u rappreżentanza tal-poplu. Ipprepara minn qabel x'ikun meħtieġ għall-ħobż, ħut, u qofof.

1.2.2. Sakemm l-ewwel grupp iħejji r-role play, il-bqija tal-grupp (kulħadd għal rasu jew fi gruppi żgħar) ifittex fuq il-mobile tagħrif dwar, pereżempju, il-ġuħ fid-dinja, il-problema tal-iskart, il-pajjiżi bl-ikbar problemi ta' faqar, il-produzzjoni tal-ikel, eċċ. Dan it-tagħrif jiġi maqsum mal-oħrajn waqt il-mument tal-katekeżi.

1.2.3. Issir ir-role play.

1.3. Qsim tal-esperjenzi

1.3.1. Wara r-role play, aqra s-silta minn Mattew 14:13-21

Meta sama' l-aħbar, Ġesù telaq minn hemm bid-dgħajsa u mar waħdu f'post imwarrab. Imma n-nies semgħu fejn mar, u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet. Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, u fejqilhom il-morda tagħhom. Xħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: "Dan post imwarrab, u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa jmorru fl-irħula jixtru x'jieklu." Imma Ġesù qalilhom: "Ma għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom x'jieklu." U huma qalulu: "Hawn ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet." "Ġibuhomli hawn," qalilhom. Imbagħad ordna lin-nies biex joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba', u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal u mlew bihom tnax-il qoffa. U kienu madwar ħamest elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal.

1.3.2. Ara x'riflessjonijiet personali għamlu l-adolexxenti.

1.4. Katekeżi

1.4.1. Ir-rakkont tat-tkattir tal-ħobż jinsab fl-erba' vanġeli (Mk 6,30-44; Lq 9,10-17; Ġw 6,1-13). Dan ifisser li l-ġrajja kienet importanti ħafna għall-ewwel Insara. Il-ġrajja ma turix

biss il-ħniena li Ġesù kien iħoss lejn min kien fil-bżonn (f'dan il-każ, nies bil-ġuħ), imma għandha rabta mal-Aħħar Ikla, l-Ewkaristija.

1.4.2. L-Ewkaristija hi l-ikla speċjali li Ġesù ħalla lid-dixxipli tiegħu. L-Ewkaristija hi l-ikel tal-vjaġġ tal-pellegrin miexi lejn id-dar tas-sema (cfr. il-vjatku lill-morda). Imma l-Ewkaristija ma tieqafx mat-tqarbin jew mat-tmiem tal-quddiesa. L-Ewkaristija hija fl-istess ħin impenn biex min jitqarben isir "ewkaristija" għall-oħrajn. Dan jidher b'mod speċjali fir-rakkont tal-aħħar ikla fil-vanġelu ta' San Ġwann, fejn l-evanġelista jirrakkonta l-ħasil tar-riġlejn tal-appostli.

1.4.3. Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż jgħallimna li:

- Aħna għandna dmir ngħinu fil-bżonnijiet materjali ta' min hu fil-bżonn;
- Qabel u wara l-ikel nitgħallmu nirringrazzjaw lil Alla għal min ibati għalina u jipprovdilna l-ikel ta' kuljum;
- M'għandniex inkunu kapriċċużi fuq l-ikel u lanqas naħlu l-ikel. Aħjar ftit u nieklu kollox, milli ħafna u narmu li ma jkollniex aptit.

1.4.4. Il-Knisja sa mill-bidu tagħha ħadet ħsieb li tqassam mhux biss l-Ewkaristija, imma wkoll l-ikel materjali lil min kien bil-ġuħ. Sa mill-bidu nett, l-Appostli ħatru lis-seba' djakni biex jieħdu ħsieb il-foqra (ara Atti 6:1-6).

1.4.5. Propju f'Malta, fl-aħħar ta' Awissu 2021, il-Franġiskani Minuri (OFM) fetħu soup kitchen fil-kunvent tagħhom fil-Belt Valletta. Dan għamluh biex iwieġbu b'mod konkret għan-numru dejjem jikber ta' nies bla dar u nies li m'għandhomx x'jieklu (Franciscan-run soup kitchen in Valletta opens its doors - The Malta Independent, Valletta soup kitchen served more than 30,000 meals in its first four months (timesofmalta.com)).

1.4.6. Skont statistika tal-FAO (Food and Agriculture Organization tan-Nazzjonijiet Uniti), fis-sena 2021, bejn 702 u 828 miljun persuna waqqfu wiċċhom mal-ġuħ (Hunger | FAO | Food and Agriculture Organization of the United Nations). Dan minkejja li d-dinja tipproduċi aktar ikel milli hawn bżonn (Is There Currently Enough Food In The World To Feed Everyone? - Better Meets Reality). In-nies bil-ġuħ ma jinsabux biss fil-pajjiżi strutturalment foqra, imma jolqtu lil miljuni ta' refuġjati li jgħixu fil-kampijiet, u lil nies vulnerabbli f'bosta pajjiżi għonja.

1.4.7. Filwaqt li nkunu grati għall-ikel li kuljum ikollna, nitgħallmu ma naħlux u ma narmux ikel. Hu stmat li madwar terz tal-ikel prodott jiġi moħli jew mormi (Global food losses and food waste (fao.org)). Fejn nistgħu, nigħnu anki permezz ta' għotjiet ta' flus jew permezz ta' volontarjat fi proġetti li jgħinu fit-tqassim tal-ikel lil min hu bil-ġuħ.

1.4.8. Staqsi lil dawk li fittxew tagħrif dwar il-ġuħ fid-dinja u x' riflessjonijiet għamlu.

1.5. Mill-katekeżi tal-Papa Franġisku

Waħda mill-konsegwenzi tal-hekk imsejjaħ "benessri" [ġid materjali] hu li jwassal lill-persuni biex jingħalqu fihom infushom, u ma jibqgħux iħossu għall-ħtiġijiet tal-oħrajn. Jagħmel minn kollox biex iqarraq bihom u jippreżentalhom mudelli li jtiru mar-riħ, li jgħibu wara xi sena, bħallikieku ħajjitna kienet xi moda li nimxu magħha jew nibdluha ma' kull staġun. Mhuwiex hekk. Ir-realtà għandna nilqgħuha u naffrontawha għal dak li hi, u spiss tlaqqagħna ma' sitwazzjonijiet ta' bżonn urġenti. Għalhekk li, fost l-opri tal-ħniena, hemm dawk li jfakkruna fil-ġuħ u fl-għatx: nitimgħu lil min hu bil-ġuħ – li huma ħafna llum – u nisqu lil min hu bil-għatx. Kemm drabi l-midja tgħarrafna b'popli sħaħ li qed ibatu minħabba n-nuqqas ta' ikel u ta' ilma, b'konsegwenzi gravi speċjalment fuq it-tfal.

Quddiem ċerti aħbarijiet u speċjalment ċerti stampi, l-opinjoni pubblika tħossha mqanqla u minn żmien għal żmien jitnedew kampanji ta' għajnuna li jħeġġu għas-solidarjetà. Id-donazzjonijiet isiru ġenerużi u b'dan il-mod nistgħu ngħinu biex intaffu t-tbatija ta' ħafna. Din l-għamla ta' karità hi importanti, imma forsi ma tinvolviniex direttament. Imma meta, fit-triq, naħbtu ma' xi persuna fil-bżonn, jew xi tallab fqir jiġi jħabbat fuq il-bieb ta' darna, din ħaġa differenti ħafna, għax m'għadniex quddiem stampa, imma niġu involuti fl-ewwel persuna. M'għadx hemm distanza bejni u bejnu jew bejnha, u nħossni sfidat biex nagħmel xi ħaġa. Il-faqar fl-astratt ma jisfidaniex, imma jġagħilna naħsbu, jġagħalna nilmentaw; imma meta nilmħu l-faqar fil-ġisem ta' raġel, ta' mara, ta' tfajjel, dan iċaqlaqna! U għalhekk dik l-għada li għandna li naħarbu minn min hu fil-bżonn, li ma nersqux qrib tiegħu, u nippruvaw naħbu xi ftit ir-realtà ta' min hu fil-bżonn bid-drawwiet tal-moda biex hekk nitbiegħdu minnha. M'għadx hemm distanza bejni u bejn il-fqir meta niltaqa' miegħu. F'dawn il-każi, xi tkun ir-reazzjoni tiegħi? Indawwar ħarsti u nibqa' għaddej? Jew nieqaf nitkellem miegħu u nuri interess fil-qagħda tiegħu? U jekk tagħmel hekk mhux ħa jonqos xi ħadd li jgħid: "Dan miġnun għax qed jitkellem ma' fqir!". Nara kif nista' b'xi mod nilqa' lil dik il-persuna jew infittex kif neħles minnha malajr kemm jista' jkun? Imma forsi hi qed titlob minni biss il-meħtieġ: xi ħaġa x'tiekol jew x'tixrob. Naħsbu ftit: kemm drabi ngħidu l-"Missierna", imma ma nagħtux kas tassew ta' dawk il-kelmiet: "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum"!

Fil-Bibbja hemm Salm li jgħid li Alla "lil kulħadd jagħti l-ikel" (136:25). L-esperjenza tal-ġuħ hi iebsa. Jaf xi ħaġa min għex perjodi ta' gwerra jew ta' ġuħ. Imma din l-esperjenza qed tirripeti ruħha ta' kuljum u nsibuha biswit l-abbundanza u l-ħela. Jibqa' dejjem attwali kliem l-Appostlu Ġakbu: "X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fl-għemil tiegħu? Jaqaw tista' ssalvah din il-fidi? Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: 'Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu', bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa? Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta fiha nfisha" (2:14-17) għax ma tkunx kapaċi twettaq l-opri, tagħmel il-karità, tħobb. Dejjem ħa nsib lil xi ħadd bil-ġuħ jew bil-għatx u li għandu bżonn tiegħi. Dan ma nista' niddelegah lil ħadd iżjed. Dan il-fqajjar għandu bżonn tiegħi, tal-għajnuna tiegħi, tal-kelma tiegħi, tal-impenn tiegħi. Kollha aħna involuti f'dan.

Dan hu wkoll it-tagħlim ta' dik il-paġna tal-Vanġelu fejn Ġesù, meta ra tant nies miexja warajh, staqsa lid-dixxipli tiegħu: "Mnejn nixtru l-ħobż biex dawn ikollhom x'jieklu?" (Ġw 6:5). U d-dixxipli weġbuh: "Ma jistax ikun, aħjar jekk tibgħathom…". Imma Ġesù jgħidilhom: "Le. Agħtuhom intom x'jieklu" (ara Mk 14:16). Jitlobhom il-ftit ħobżiet u ħutiet li kellhom magħhom, iberikhom, jaqsamhom u jqassamhom lil kulħadd. Hi lezzjoni importanti ħafna għalina. Qed jgħidilna li l-ftit li għandna, jekk nafdawh f'idejn Ġesù u naqsmuh bil-fidi, isir għana bla qies. (Udjenza Ġenerali, 19 ta' Ottubru 2016)

1.6. Vidjo clip: Chicken a la Carte

- Chicken a la Carte by Ferdinand Dimadura - YouTube

- Stieden lill-adolexxenti jaqsmu l-impressjonijiet tagħhom.

1.7. Ġesti konkreti

- Żjara jew esperjenza ta' volontarjat mas-soup kitchen tal-Franġiskani fil-Belt Valletta.
- Ġbir ta' ikel għas-soup kitchen tal-Franġiskani fil-Belt Valletta jew għall-Caritas tad-Djoċesi ta' Għawdex.

1.8. Talba

Mulej Ġesù, int tmajt lil dawk li kienu bil-ġuħ,
inti qsamt l-ikel tiegħek ma' kulħadd.
Ħafna bnedmin bħalissa huma bil-ġuħ
u aħna msejħin biex naqsmu l-ikel tiegħek magħhom.

Ħa tagħmel ix-xita fuq l-art niexfa u għatxana,
biex taqta' l-għatx tal-poplu tiegħek,
sabiex iż-żrieragħ jikbru u joktru
u jipproduċu ħsad kbir.

Jalla naqsmu l-barkiet li int tagħtina mal-oħrajn
u nkunu ta' komfort għal dawk li huma fil-bżonn.
Jalla nuru mħabba fl-azzjonijiet tagħna
sabiex kulħadd ikollu ikel biżżejjed għal kuljum.

Ammen.

Prayer for people who hunger | CAFOD

2. Kont bil-għatx u sqejtuni

2.1. Ice breaker: Water transport

2.1.1. Aqsam l-adolexxenti fi gruppi ta' mhux aktar minn ħamsa. Kull grupp ikollu bżonn numru ta' tazzi (skont il-qies tal-grupp) tal-plastik, żewġ fliexken tal-ilma (wieħed mimli ilma tajjeb u l-ieħor vojt) u lembut li jidħol fil-flixkun vojt.

2.1.2. Il-logħba tikkonsisti filli l-grupp jimla t-tazzi bl-ilma u kull adolexxent jimla l-ilma f'ħalqu mit-tazza tiegħu/tagħha u jferra' l-ilma permezz tal-lembut fil-flixkun vojt, li jkun qiegħed in-naħa l-oħra tal-kamra.

2.1.3. Il-logħba tintemm meta l-ewwel grupp iġorr l-ilma kollu min-naħa għal oħra.

2.1.4. Fid-diskussjoni li toħloq wara l-ice breaker staqsi l-ewwel x'impressjonijiet kellhom l-adolexxenti. Imbagħad staqsi jekk humiex lest jixorbu l-ilma li ġarrew b'ħalqhom minn post għall-ieħor u għaliex. Probabilment ħadd mhu lest jagħmel dan. Staqsi wkoll kemm ilma ntilef matul il-logħba. Dawn ir-riflessjonijiet imbagħad erġa' rreferi għalihom waqt il-katekeżi.

2.1.5. Introduċi t-temi tal-ġurnata.

2.2. Role Play: Il-Poplu Lhudi jaqsam il-Baħar tal-Qasab (Eż 14:1-31)

2.2.1. Agħżel grupp ta' studenti biex jaħdmu r-role play. Ikun hemm bżonn adolexxenti biex jagħmlu l-parti ta' Mosè, tal-poplu, tal-baħar jinfired u tas-suldati Eġizzjani.

2.2.2. Sakemm l-ewwel grupp iħejji r-role play, il-bqija tal-grupp (kulħadd għal rasu jew fi gruppi żgħar) ifittex fuq il-mobile tagħrif dwar, pereżempju, in-nuqqas ta' ilma tajjeb għax-xorb, il-problema tan-nuqqas ta' xita f'ċerti pajjiżi tad-dinja u l-problema tad-deżertifikazzjoni, eċċ. Dan it-tagħrif jiġi maqsum mal-oħrajn waqt il-mument tal-katekeżi.

2.2.3. Jekk tara r-role play ikkumplikata, tista' tara vidjo clip tal-istess ġrajja, pereżempju mill-*Prince of Egypt* (The Prince of Egypt (1998) - 'Red Sea' scene - YouTube).

2.3. Qsim ta' esperjenzi

2.3.1. Wara r-role play, aqra s-silta ta' Eż 14:1-31

Imbagħad il-Mulej kellem lil Mosè: "Għid lil ulied Iżrael jerġgħu lura u jieqfu quddiem Piħaħirot, bejn Migdol u bejn il-baħar, quddiem Bagħal-sefon; twaqqfu l-kamp biswitu sewwa, ħdejn il-baħar. Il-Fargħun jgħid għal ulied Iżrael: 'Intilfu fl-art u għalaqhom minn kull naħa fid-deżert.' U jien inwebbes qalb il-Fargħun, u jiġi għal warajkom, u jien nuri l-glorja tiegħi fuq il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu, u jkunu jafu l-Eġizzjani li jien il-Mulej." U hekk għamlu.

Meta lis-sultan tal-Eġittu qalulu li kienu ħarbu, il-Fargħun u l-qaddejja tiegħu biddlu fehemthom dwar il-poplu u qalu: "X'morna għamilna u bgħatna lil Iżrael biex issa ma jaħdmilniex iżjed." U ħejja l-karru tiegħu, u ħa l-poplu tiegħu miegħu. U ħa sitt mitt karru magħżula u l-karrijiet kollha tal-Eġizzjani b'fizzjali fuqhom ilkoll. U l-Mulej webbes qalb il-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u dan għamel għal wara wlied Iżrael huma u sejrin b'rashom merfugħa. U ħarġu għalihom l-Eġizzjani bil-kavallerija tal-Fargħun - żwiemel, karrijiet u

rikkieba bl-eżerċtu kollu - u laħquhom ħdejn il-baħar fejn kienu waqqfu l-kamp, ħdejn Piħaħirot, biswit Bagħal-sefon. Meta l-Fargħun kien qorob lejhom, ulied Iżrael refgħu għajnejhom u raw l-Eġizzjani resqin lejhom. Ulied Iżrael qabadhom biża' kbir u sejħu lill-Mulej. U mbagħad qalu lil Mosè: "Jaqaw ma kienx hemm oqbra fl-Eġittu biex ħriġtna mmutu fid-deżert? X'għamiltilna, biex ħriġtna mill-Eġittu? Ma għednilekx aħna fl-Eġittu: 'Ħallik minna, ħallina naħdmu għall-Eġizzjani?' Aħjar naħdmu fl-Eġittu milli mmutu fid-deżert!" Mosè wieġeb lill-poplu: "La tibżgħux! Żommu sħiħ, u taraw is-salvazzjoni li se jġibilkom illum il-Mulej. L-Eġizzjani, li qegħdin taraw illum, ma tarawhom qatt aktar. Il-Mulej jitqabad għalikom, mingħajr xejn ma tagħmlu intom." Il-Mulej qal lil Mosè: "Għax issejjaħ lili? Għid lil ulied Iżrael jerfgħu t-tined tagħhom u jitilqu. U int għolli l-ħatar tiegħek, u midd idek fuq il-baħar u oforqu. Ulied Iżrael, imbagħad, jaqsmu fin-niexef f'nofs il-baħar. U ara, jiena nwebbes il-qalb tal-Eġizzjani biex jgħaddu warajkom, u nuri l-glorja tiegħi permezz tal-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu kollu, bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu. U mbagħad ikunu jafu l-Eġizzjani li jiena l-Mulej, meta nuri l-glorja tiegħi permezz tal-Fargħun, bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu." U mbagħad l-anġlu ta' Alla, li kien miexi quddiem it-tined ta' Iżrael, telaq u mar warajhom, u l-kolonna ta' sħab minn quddiemhom marret qagħdet warajhom, u ġiet bejn it-tined tal-Eġizzjani u t-tined ta' Iżrael. Kien hemm is-sħaba u d-dlam, u għadda l-lejl bla ma ħadd minnhom seta' jersaq wieħed lejn l-ieħor. Mosè medd idu fuq il-baħar, u l-Mulej reġġa' lura l-baħar b'riħ qawwi mil-Lvant matul il-lejl kollu; il-baħar ixxotta u l-ilmijiet inferqu.

U mbagħad ulied Iżrael daħlu fin-niexef f'nofs il-baħar; l-ilmijiet kienu għalihom qishom ħitan fuq il-lemin u fuq ix-xellug. L-Eġizzjani marru warajhom, u daħlu f'nofs il-baħar, iż-żwiemel kollha tal-Fargħun, il-karrijiet u r-rikkieba tiegħu. Fis-sahra ta' filgħodu, il-Mulej minn ġol-kolonna tan-nar u s-sħaba xeħet ħarsa fuq it-tined tal-Eġizzjani, u ħarbathom. U xekkel ir-roti tagħhom u bit-tbatija setgħu jmexxuhom. U mbagħad l-Eġizzjani bdew jgħajtu: "Ħa naħarbu minn quddiem Iżrael, għaliex il-Mulej qiegħed jiġġieled kontra l-Eġizzjani!"

Il-Mulej qal lil Mosè: "Midd idek fuq il-baħar, u l-ilma jerġa' lura fuq l-Eġizzjani, bil-karrijiet u r-rikkieba tagħhom." U Mosè medd idu fuq il-baħar. U ma' sbieħ il-jum il-baħar raġa' lura fejn kien qabel, u l-Eġizzjani, huma u jaħarbu, sabu ruħhom fih. Hekk il-Mulej gerbibhom f'nofs l-ilma. L-ilmijiet reġgħu lura u għarrqu l-karrijiet u r-rikkieba tal-eżerċtu kollu tal-Fargħun li kienu ġejjin warajhom fil-baħar. Anqas wieħed ma baqa' minnhom. U wlied Iżrael għaddew fin-niexef f'nofs il-baħar, u l-ilmijiet kienu għalihom bħal ħitan wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug.

Dak in-nhar il-Mulej salva lil Iżrael minn id l-Eġizzjani, u Iżrael ra l-Eġizzjani mejta fuq xatt il-baħar. Ra Iżrael kulma għamel il-Mulej lill-Eġizzjani bil-qawwa ta' driegħu. U beża' l-poplu mill-Mulej, u emmen fil-Mulej u f'Mosè, il-qaddej tiegħu.

2.3.2. Għid lill-adolexxenti jaqsmu l-impressjonijiet tagħhom.

2.4. Katekeżi

2.4.1. Għid fil-qosor il-ġrajja tal-ħruġ tal-Lhud mill-Eġittu. Fit-tradizzjoni Nisranija, sa mill-bidu nett, il-qsim tal-Baħar tal-Qasab dejjem kien imxebbah mas-sagrament tal-Magħmudija. Il-Lhud ħallew warajhom l-esperjenza tal-jasar fl-Eġittu; fil-magħmudija, in-Nisrani jħalli warajh l-esperjenza tad-dnub biex jgħix il-ħelsien ta' wlied Alla. Il-magħmudija hi bħal twelid ġdid, kif jgħid l-istess Ġesù fid-djalogu ma' Nikodemu (Ġw 3). L-ilma (tal-magħmudija) għandu l-valur li jagħti l-ħajja (ġdida). Dan l-aspett tal-ħajja ġdida jista' jintrabat aktar tard mal-ilma tajjeb għax-xorb li jagħti l-għixien.

2.4.2. Fil-laqgħa tiegħu mal-mara Samaritana (Ġw 4), Ġesù jitkellem minn ilma ħaj li jaqta' l-għatx. Hu jistieden lis-Samaritana, u lilna, biex nixorbu minn dan l-ilma ħaj. Aktar tard, l-evanġelista Ġwanni jikkummenta li meta jitkellem mill-ilma, Ġesù kien qed

jirreferi għad-don tal-Ispirtu s-Santu li kellhom jirċievu dawk kollha li jemmnu fih (Ġw 8:37-39). Anke l-ilma li ħareġ mill-kustat ta' Ġesù fuq is-salib għandu t-tifsira tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu. Fit-tradizzjoni Nisranija, l-ilma tal-kustat ta' Kristu hu mxebbah mas-sagrament tal-Magħmudija.

2.4.3. Fuq is-salib, Ġesù jgħid: "Għandi l-għatx" (Ġw 19:28). Fost it-tbatija li ġarrab mill-arrest tiegħu sas-salib, f'dak il-mument terribbli, Ġesù sofra wkoll l-għatx. Ir-rakkonti tal-passjoni jgħidulna li s-suldati, minflok ilma, tawh jixrob il-ħall permezz ta' sponża. Ġesù jsofri mal-bnedmin kollha li m'għandhomx aċċess għal ilma tajjeb. Is-sensazzjoni akuta tal-għatx hi agħar mis-sensazzjoni tal-ġuħ. Il-ġisem għandu bżonn ammont sostanzjali ta' ilma biex jiffunzjona. Bħala regola ġenerali, persuna tista' tgħix biss tlett ijiem mingħajr ma tixrob.

2.4.4. Fil-ħajja ta' kuljum, l-ilma għandu użu wiesa' ħafna. Barra li jservi għax-xorb, l-ilma jintuża fit-tisjir, għall-ħasil, fl-iġjene personali, fil-biedja, fil-kostruzzjoni, eċċ. L-ilma jservi bħala mezz ta' komunikazzjoni, għat-trasport tal-ġid. Fl-ilma baħar jew fix-xmajjar jgħixu l-ħut u bosta annimali. L-ilma hu l-fundament tal-ħajja annimali u veġetali. Mingħajr ilma xejn ma jgħix. Hawn tista' torbot mill-ġdid mal-ilma tal-magħmudija li jagħti ħajja ġdida.

2.4.5. Fit-22 ta' Marzu ta' kull sena, in-Nazzjonijiet Uniti tfakkar il-Jum Dinji tal-Ilma ħelu. Dan il-jum jiġi mfakkar biex ikun hemm aktar sensibilizzazzjoni dwar l-użu korrett tar-riżorsi tal-ilma ħelu, biex fid-dinja kollha l-bnedmin ikollhom aċċess għall-ilma. Hawn tista' tinvolvu l-adolexxenti li fil-bidu għamlu tiftix dwar in-nuqqas ta' ilma tax-xorb, id-dežertifikazzjoni minħabba n-nuqqas ta' xita, eċċ.

2.4.6. Il-wiċċ tad-dinja hija magħmula minn art (30%) u ilma (70%). Minkejja din il-massa enormi ta' ilma fuq il-wiċċ tad-dinja, 3% biss tal-ilma fil-wiċċ tal-art hu ilma ħelu. Il-bqija hu ilma mielaħ bl-ibħja u l-oċejani. L-ilma ħelu jinsab 69% fil-glaciers (li qed jinħallu minħabba t-temperaturi dejjem togħla tad-dinja), 30% taħt l-aħrt u ftit inqas minn 1% tal-ilma ħelu jinsab f'għadajjar u xmajjar. F'ċertu sens, 1% biss tal-ilma fil-wiċċ tad-dinja jista' jintuża mill-bnedmin. Il-bqija tal-ilma ħelu li jista' jiġi użat jinsab taħt l-art. (Distribution of Water on the Earth's Surface | EARTH 103: Earth in the Future (psu.edu))

2.4.7. Rapport tal-WHO u tal-UNICEF jgħid li sal-2030,

- 81% biss tal-popolazzjoni tad-dinja se jkollha aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb fid-dar; madwar 1.6 biljun persuna ma jkollhomx dan is-servizz;
- 67% biss se jkollhom servizzi sanitarji (toilets) fid-djar; 2.8 biljun persuna se jkunu mingħajr dawn is-servizzi;
- 78% biss se jkollhom faċilitajiet għall-ħasil tal-idejn; 1.9 biljun ikun mingħajr dan is-servizz. (Billions of people will lack access to safe water, sanitation and hygiene in 2030 unless progress quadruples – warn WHO, UNICEF)

2.4.8. Din is-sitwazzjoni hi aktar akuta f'pajjiżi foqra fejn ma tagħmilx ħafna xita u fejn ma jeżistux servizzi tal-ilma. F'dawn is-sitwazzjonijiet, miljuni ta' persuni, speċjalment in-nisa u t-tfal, iridu jagħmlu vjaġġi twal biex isibu l-ilma u jġorruh fil-villaġġ tagħhom, u spiss dan l-ilma ma jkunx nadif. (2.1 billion people lack safe drinking water at home, more than twice as many lack safe sanitation (who.int))

2.5. Mill-katekeżi tal-Papa Franġisku

Il-Papa Benedittu XVI, fl-Enċiklika Caritas in veritate, jafferma: "Itma' lil min hu bil-ġuħ hu amar etiku għall-Knisja universali. […] Il-jedd għall-ikel, bħall-jedd għall-ilma, għandu post importanti fit-tfittxija ta' jeddijiet oħra, ibda bil-jedd fundamentali għall-ħajja. Hu għalhekk

meħtieġ li titqajjem kuxjenza pubblika li tqis l-ikel u l-aċċess għall-ilma bħala jeddijiet universali tal-bnedmin kollha, mingħajr distinzjoni jew għażla" (n. 27). Ma ninsewx x'qal Ġesù: "Jiena l-ħobż tal-ħajja" (Ġw 6:35) u "Ħa jiġi għandi min hu bil-għatx" (Ġw 7:37). Dawn il-kelmiet huma għalina lkoll li nemmnu provokazzjoni biex nagħrfu li, mill-għemil tagħna li nitimgħu lil min hu bil-ġuħ u nisqu lil min hu bil-għatx, tgħaddi r-relazzjoni tagħna ma' Alla, Alla li f'Ġesù wera l-wiċċ tiegħu kollu ħniena. (Udjenza Ġenerali, 19 ta' Ottubru 2016)

2.6. Vidjo clip: Water scarcity in Africa

- WATER SCARCITY IN AFRICA NEW 3 VIDEO - YouTube

- Stieden lill-adolexxenti jaqsmu l-impressjonijiet tagħhom.

2.7. Ġesti

- Impenn li ma jaħlux ilma bla bżonn waqt li jużaw ix-xawer jew xħin jaslu snienhom.
- Sponsoring ta' borehole fil-Missjoni (f'kollaborazzjoni mal-Moviment Ġesù fil-Proxxmu jew ma' xi missjunarju)
- Jinġibed filmat ta' minuta dwar il-valur tal-ilma ħelu / il-ħela tal-ilma tax-xorb.

2.8. Talba

O Alla li tħobb il-bnedmin,
nitolbuk titfa' l-barka tiegħek fuq it-tfal,
il-ġenituri u l-komunitajiet li m'għandhomx ilma.
Saffi, ħares u kattar l-għejun tal-ilma.
Kun ma' dawn il-persuni biex jistgħu jgawdu
mill-benefiċċju tal-ilma nadif –
li hu essenzjali daqs l-edukazzjoni, l-ikel u s-saħħa.
Ammen.

Matthew 25: Prayer for clean water for the thirsty | World Vision

3. Kont barrani u lqajtuni

3.1. Ice breaker: Kwizz dwar ir-refuġjati u l-asylum seekers

3.1.1. Aqsam il-grupp tal-adolexxenti fi gruppi iżgħar u mexxi dan il-kwizz jew kwizz ieħor simili. Aktar ma jkollok gruppi aktar ikollok bżonn mistoqsijiet. Tista' żżid jew tibdel dawn il-mistoqsijiet.

1. Id-definizzjoni ta' refuġjat hi
   a. Xi ħadd li ħalla pajjiżu biex jivvjaġġa d-dinja
   b. Xi ħadd li ħarab minn pajjiżu minħabba l-biża' ta' persekuzzjoni jew kunflitt
   c. Xi ħadd li mar ifittex xogħol f'pajjiż ieħor
   d. Xi ħadd li qed ifittex ħajja aħjar

2. Refuġjat jista' legalment jiġi mġiegħel jirritorna f'pajjiżu
   a. Veru
   b. Falz

3. Liema uffiċċju fin-Nazzjonijiet Uniti jieħu ħsieb ir-Refuġjati?
   a. United Nations High Commission for Human Rights
   b. United Nations High Commission for Refugees (UNHCR)
   c. United Nations International Children's Emergency Fund (UNICEF)
   d. United Nations Security Council

4. In-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna hu każ ta'
   a. Migrazzjoni volontarja
   b. Migrazzjoni forzata
   c. Migrazzjoni interna
   d. Migrazzjoni turistika

5. Xi ħadd li jivvjaġġa minn pajjiżu għal pajjiż ieħor għal xogħol jew edukazzjoni hu msejjaħ
   a. Refuġjat
   b. Migrant
   c. Internally displaced person
   d. Asylum seeker

6. Asylum seeker ifisser
   a. Xi ħadd li mar f'pajjiż ieħor biex isib xogħol
   b. Xi ħadd li mar f'pajjiż ieħor biex jistudja
   c. Xi ħadd li mar f'pajjiż ieħor bit-tama li jiġi rikonoxxut bħala refuġjat
   d. Xi ħadd li mar f'pajjiż ieħor biex jingħaqad mal-familja

7. Meta talba għall-ażil tiġi rifjutata, l-asylum seekers jiġu mitluba jirritornaw f'pajjiżhom
   a. Veru
   b. Falz

8. Meta talba għall-ażil tiġi aċċettata, l-asylum seeker jiġi rikonoxxut bħala
   a. Migrant
   b. Refuġjat
   c. Asylum seeker
   d. Internally displaced person

9. Persuna li minħabba l-gwerra, il-vjolenza jew diżastri naturali jkollha titħarrek minn post għal ieħor fl-istess pajjiż, tissejjaħ
    a. Refuġjat
    b. Migrant
    c. Asylum seeker
    d. Internally displaced person

10. Ir-refuġati jkollhom ħajja faċli meta jiġu aċċettati f'pajjiż ieħor
    a. Veru
    b. Falz

11. Bejn wieħed u ieħor, sal-ewwel xhur tas-sena 2022, il-UNHCR kemm stmat li kien hemm persuni fid-dinja li kellhom iħallu d-dar minħabba persekuzzjoni, gwerra, vjolenza jew ksur tad-drittijiet umani?
    a. Biljun persuna
    b. Nofs miljun persuna
    c. Mitt miljun persuna
    d. Mitt elf persuna

12. Bejn wieħed u ieħor, sal-ewwel xhur tas-sena 2022, il-UNHCR kemm stmat li kien hemm refuġjati fid-dinja?
    a. Madwar 50 miljun persuna
    b. Madwar 27 miljun persuna
    c. Madwar 90 miljun persuna
    d. Madwar miljun persuna

13. Skont il-UNHCR, liema pajjiż jospita l-akbar numru ta' refuġjati fid-dinja?
    a. USA
    b. Franza
    c. Turkija (3.8 miljun)
    d. Ċina

14. Skont ċifri tal-UNHCR, bejn l-2018 u l-2021, kemm twieldu tfal fil-kundizzjoni ta' refuġjati?
    a. 100 elf
    b. Miljun u nofs
    c. 5 miljuni
    d. 10,000

15. Liema hu l-ifqar pajjiż fl-Afrika?
    a. Burundi
    b. Afganistan
    c. Perù
    d. Kambodja

16. Liema kien ikkunsidrat l-ifqar pajjiż fl-Ewropa fl-2020?
    a. Italja
    b. Malta
    c. Ukrajna
    d. Ċipru

17. X'kien jismu r-raġel mill-Kosta tal-Avorju li ġie maqtul f'Malta fis-6 ta' April 2019?
    a. John Lennon
    b. Lassana Cisse
    c. Daphne Caruana Galizia

d. Saddam Hussein

18. Kemm waslu refuġjati f'Malta fl-2021?
    a. 838
    b. 900
    c. 1200
    d. 585

19. B'liema mezz ta' trasport jaslu r-refuġjati f'Malta?
    a. Ajruplan
    b. Dgħajjes
    c. Cruise liners
    d. Bl-għawm

20. Kemm dgħajjes bir-refuġjati ddaħħlu f'Malta fl-2021?
    a. 150
    b. 110
    c. 17
    d. 30

3.2. Role play: It-twelid ta' Ġesù (Lq 2:1-21)

3.2.1. Agħżel grupp ta' adolexxenti biex jaħdmu r-role play. Ikollok bżonn il-persunaġġi ta' Ġużeppi u Marija, xi lukandiera li jirrifjutaw li jilqgħu lil Ġesù f'darhom, anġlu u ragħajja.

3.2.2. Sakemm titħejja r-role play, itlob lill-adolexxenti l-oħra jfittxu fuq il-mobile tagħrif dwar ir-refuġjati f'Malta.

3.3. Qsim ta' esperjenzi

3.3.1. Wara r-role play, aqra s-silta ta' Lq 2:1-21

F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha. Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien gvernatur tas-Sirja. U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu. Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tala' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem - għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David - biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda.

F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl. U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir. Iżda l-anġlu qalilhom: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura." F'daqqa waħda ngħaqdu mal-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu:
"Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet,
u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!"

Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej." Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kulma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb

fuqhom bejnha u bejn ruħha. Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kulma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.
Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni, semmewh Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf.

3.3.2. Staqsi lill-adolexxenti jgħidu x'impressjonijiet għandhom tal-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù.

3.4. Katekeżi

3.4.1. Il-ħajja ta' Ġesù ma kienetx waħda faċli. Mhux dejjem sab min jilqgħu u jemmen fih. L-Evanġelista San Ġwann jgħid: "Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx" (Ġw 1:11). Ma sabx akkoljenza fit-twelid tiegħu. Erodi fittex li joqtlu. Il-familja tiegħu spiċċat refuġjata fl-Eġittu. Meta mar jipprietka Nazaret, fil-belt tiegħu, riedu joqtluh billi jitfgħuh minn fuq l-għolja għal isfel. Niesu ġieli ħasbuh tilef moħħu. Il-mexxejja tal-Lhud ippruvaw kemm-il darba jmieru l-kelma tiegħu u jarrestawh. Spiċċa maqtul fuq salib, abbandunat saħansitra mill-appostli tiegħu. Bosta mid-dixxipli tiegħu ġew maqtula. Għadu jiġi ippersegwitat sal-lum fid-dixxipli tiegħu.

3.4.2. Fl-esperjenza biblika, li tilqa' lill-barrani u tħarsu mid-deni hu valur kbir. Il-kittieba sagri ta' spiss ifakkru lill-komunità Lhudija li għandu iħarsu u jgħinu lill-barrani li jkun f'nofshom, filwaqt li jiftakru li huma kienu barranin fl-Eġittu. Alla jsir id-difensur ta' min hu dgħajjef, speċjalment tal-iltim, tal-armla u l-barrani (ara Eż 22:20-21). Sa minn Abraham, il-bniedem tal-fidi jqisu lilu nnifsu bħala pellegrin, mingħajr art, għax l-art tiegħu hi s-sema (ara 1 Piet 2:11).

3.4.3. L-identità storika ta' pajjiżna hi marbuta mal-miġja ta' San Pawl fostna. Kien priġunier, sejjer għall-ħaqq f'Ruma, flimkien ma' priġunieri oħra. Iżda meta wasal Malta, Pawlu u sħabu ġew milqugħa u megħjuna "bi ħlewwa liema bħalha". In-nies ħadu ħsiebhom għal tliet xhur, u meta ġew biex jitilqu, għabbew fuq il-ġifen kulma kienu jeħtieġu. L-atteġġjament tal-Maltin li laqgħu lil Pawlu u sħabu baqa' mfaħħar matul is-snin bħala ġest nobbli ta' akkoljenza tal-barrani.

3.4.4. Kull sena, fl-20 ta' Ġunju, id-dinja tfakkar il-Jum Dinji tar-Refuġjati. Sa mill-1914, kull l-aħħar Ħadd ta' Settembru, il-Knisja tiċċelebra l-Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati. Għal din l-okkażjoni, kull sena l-Papa jibgħat Messaġġ tal-okkażjoni. Dan jagħmluh biex id-dinja u l-komunità Nisranija jsiru aktar konxji ta' dan l-fenomenu, ifittxu toroq biex jonqsu l-kawżi li jġiegħlu popolazzjonijiet sħaħ jaħarbu minn pajjiżhom, filwaqt li jaħdmu biex jitħarsu d-dinjità u d-drittijiet fundamentali tal-migranti u r-refuġjati, filwaqt li jiġu integrati fil-pajjiż li jilqagħhom.

3.4.5. Il-fenomenu tar-refuġjati hu wieħed dinji. Mhux limitat għal Malta jew għall-baħar Mediterran. Filwaqt li tista' tagħmel riferiment għall-kwizz, staqsi lill-adolexxenti x'materjal sabu fuq il-fenomenu tal-migranti u r-refuġjati f'Malta.

3.4.6. Fil-laqgħa mal-migranti fil-Laboratorju tal-Paċi, waqt iż-żjara tiegħ u f'Malta, il-Papa qal: "Nitolbu wkoll li niġu salvati minn nawfraġju ieħor li jgħaddi minn għalina waqt li qed iseħħu dawn il-fatti: huwa n-nawfraġju taċ-ċiviltà, li jhedded mhux biss lil dawk li jħallu arthom, imma lilna lkoll. Kif nistgħu neħilsu minn dan in-nawfraġju li qed jirriskja li jgħarraq il-ġifen taċ-ċiviltà tagħna? Billi nġibu ruħna b'umanità. Billi nħarsu lejn il-persuni mhux bħala numri, imma bħala dak li huma..., jiġifieri wċuħ, stejjer, sempliċiment irġiel u nisa, aħwa... Ejjew inwieġbu għall-isfida tal-migranti u tar-rifuġjati bl-istil tal-umanità, ejjew inqabbdu ħġejjeġ ta' fraternità, li madwarhom il-persuni jistgħu jisħnu, jerġgħu jqumu fuq saqajhom, jitkebbsu mill-ġdid bit-tama. Ejjew insaħħu t-tessut tal-ħbiberija soċjali u l-kultura tal-laqgħa, ibda minn imkejjen bħal dan, li ċertament mhux ħa jkunu perfetti, imma huma 'laboratorji tal-paċi'."

3.4.7. Il-Papa Franġisku aktar minn darba stqarr li l-migranti huma risorsa u ta' ġid għall-pajjiż li jilqagħhom. Iddiskutui mal-adolexxenti: Kif jista' jseħħ dan?

3.5. Mill-katekeżi tal-Papa Franġisku

Fi żminijietna hi attwali iżjed minn qatt qabel il-ħidma mal-barranin. Il-kriżi ekonomika, il-ġlied bl-armi u l-bidliet fil-klima jwasslu lil tant persuni biex jemigraw. Madankollu, l-immigrazzjoni mhix xi fenomenu ġdid, imma hi parti mill-istorja tal-bniedem. Inkunu qed nitilfu l-memorja tal-istorja jekk naħsbu li hi ħaġa biss ta' żmienna.

Il-Bibbja toffrilna bosta eżempji konkreti ta' immigrazzjoni. Biżżejjed naħsbu f'Abraham. Is-sejħa ta' Alla ġġagħalu jħalli pajjiżu biex imur f'ieħor: "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik" (Ġen 12:1). U hekk ukoll ġralu l-poplu ta' Israel, li mill-Eġittu, fejn kien ilsir, telaq miexi għal erbgħin sena sħaħ fid-dežert sa ma wasal fl-art imwiegħda lilu minn Alla. L-istess Familja Mqaddsa – Marija, Ġużeppi u ċ-ċkejken Ġesù – kellha temigra biex taħrab mit-theddida ta' Erodi: "Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Eġittu, u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi" (Mt 2:14-15). L-istorja tal-bnedmin hi storja ta' immigrazzjoni: f'kull saff tal-globu, m'hemmx poplu li ma ħabbatx wiċċu mal-fenomenu migratorju.

Matul is-sekli hawn assistejna għal espressjonijiet għolja ta' solidarjetà, anki jekk ma naqsux tensjonijiet soċjali. Illum, il-kuntest tal-kriżi ekonomika sfortunatament jiffavorixxi l-ħolqien ta' mġibiet ta' għeluq u li ma jilqgħux lill-oħrajn. F'xi partijiet tad-dinja jitilgħu ħitan u fruntieri. Xi drabi donnu l-ħidma siekta ta' tant irġiel u nisa li, b'diversi modi, tant jitħabtu biex jgħinu u jassistu lir-refuġjati u l-immigranti, tisfa' mdallma mill-istorbju ta' oħrajn li jagħtu wisa' għal egoiżmu impulsiv. Imma l-għeluq mhux soluzzjoni, anzi, jispiċċa jwassal għat-traffikar kriminali. L-unika triq ta' soluzzjoni hi dik tas-solidarjetà. Solidarjetà mal-immigrant, solidarjetà mal-barrani…

L-impenn tal-Insara f'dan il-qasam hu urġenti llum daqs qatt qabel. Jekk inħarsu biss lejn is-seklu li għadda, niftakru fil-figura stupenda ta' Santa Francesca Cabrini, li flimkien ma' sħabha ddedikat ħajjitha għall-immigranti lejn l-Istati Uniti tal-Amerika. Anki llum għandna bżonn ta' dawn ix-xhieda biex il-ħniena tista' tilħaq tant nies fil-bżonn. Hu impenn li jinvolvi lil kulħadd, ħadd ma għandu jibqa' barra. Id-djoċesijiet, il-parroċċi, l-istituti ta' ħajja kkonsagrata, l-għaqdiet u l-movimenti, kif ukoll l-Insara individwali, aħna lkoll imsejħin nilqgħu lil ħutna li qed jaħarbu mill-gwerra, mill-ġuħ, mill-vjolenza u minn kundizzjonijiet ta' ħajja xejn umani. Ilkoll flimkien aħna forza kbira ta' għajnuna lil dawk li sfaw imkeċċija minn pajjiżhom, u tilfu familja, xogħol u dinjità. Xi jiem ilu, seħħet storja ċkejkna, hawn fil-belt. Kien hemm rifuġjat qed ifittex triq u waħda mara resqet lejh u qaltlu: "Qed tfittex xi ħaġa?". Kien ħafi, dak ir-rifuġjat. U hu qalilha: "Nixtieq immur San Pietru biex ngħaddi mill-Bieb Imqaddes". U dik il-mara bejnha u bejn ruħha qalet: "Imma bla żarbun kif ħa jimxi?". U ċemplet lil tat-taxì. Imma dak l-immigrant, dak ir-rifuġjat kien jinten u x-xufier tat-taxì bħal donnu ma riedx iħallih jirkeb, imma fl-aħħar ħallieh jitla' fil-karozza. U l-mara, maġenbu, tul il-vjaġġ qagħdet tistaqsih ftit fuq l-istorja tiegħu ta' rifuġjat u ta' immigrant: l-għaxar minuti sakemm wasal hawn. Dan ir-raġel irrakkonta l-istorja tiegħu ta' tbatija, ta' gwerra, ta' ġuħ u għaliex kien ħarab minn pajjiżu biex emigra 'l hawn. Meta waslu, il-mara feħħet il-portmoni tagħha biex tħallas lix-xufier, imma x-xufier, li għall-bidu ma riedx lil dan l-immigrant jirkeb miegħu għax kien jinten, qal lill-mara: "Le, sinjura, huwa jien li rrid inħallsek għax bis-saħħa tiegħek smajt storja li bidlitli qalbi". Din il-mara kienet taf x'inhu l-uġigħ ta' immigrant, għax kellha demmha Armen u kienet taf it-tbatija tal-poplu tagħha. Meta aħna nagħmlu xi ħaġa hekk, għall-bidu nitqażżuha għax tagħmilna xi ftit skomdi, "le… jinten…". Imma fl-aħħar, l-istorja tfewwilna lil ruħna u tibdilna. Aħsbu f'din l-istorja u naħsbu x'nistgħu nagħmlu għar-rifuġjati. (Udjenza Ġenerali, 26 ta' Ottubru 2016)

3.6. Vidjo clip

- Migrants Flee Sinking Dinghy in Dramatic Footage - YouTube
- Stieden lill-adolexxenti jaqsmu l-impressjonijiet tagħhom.

3.7. Ġesti

- Jiġi mistieden refuġjat jew xi ħadd jaħdem mar-refuġjati biex ikellem lill-adolexxenti

3.8. Talba

Alla ħanin, nitolbu għall-irġiel, in-nisa u t-tfal kollha li mietu wara li ħallew pajjiżhom biex ifittxu ħajja aħjar.
Anke jekk ħafna mill-oqbra tagħhom huma bla isem, int tafhom wieħed wieħed u waħda waħda, tħobbhom u tgħożżhom.
Jalla ma ninsewhom qatt, imma nagħtu ġieħ lis-sagrifiċċju tagħhom aktar bil-fatti milli bil-kliem. Nafdaw f'idejk lil dawk kollha li għamlu dan il-vjaġġ, fil-biża', l-inċertezza u l-umiljazzjoni, biex jaslu f'post sigur u ta' tama.
Kif qatt ma abbandunajt lil Ibnek meta Ġużeppi u Marija wassluh f'post sigur, hekk issa kun qrib dawn uliedek, permezz tal-ħlewwa u l-ħarsien tagħna.
Filwaqt li nieħdu ħsiebhom, jalla nfittxu dinja fejn ħadd ma jkun sfurzat iħalli daru u fejn kulħadd jista' jgħix fil-libertà, fid-dinjità u fil-paċi.
Alla ħanin u Missier ta' kulħadd, qajjimna mit-telqa tal-indifferenza, iftħilna għajnejna quddiem it-tbatija tagħhom, u eħlisna min-nuqqas ta' sensitività li tiġi frott dinja komda fejn kollox idur magħna.
Ispira lilna, bħala nazzjonijiet, komunitajiet u individwi, biex dawk li jaslu fuq xtutna narawhom bħala ħutna.
Jalla naqsmu magħhom il-barkiet li rċevejna minn idejk, u nagħrfu li flimkien, bħala familja umana waħda, aħna lkoll migranti, qed nivvjaġġaw fit-tama lejk, id-dar vera tagħna, fejn kull demgħa tkun ixxuttata, fejn inkunu fil-paċi u sikuri fit-tgħanniqa tiegħek.

Papa Franġisku

Prayers for Im/migrants and Refugees (xavier.edu)

Talba fi tmiem il-laqgħa tal-Papa Franġisku mal-migranti, Malta 2022

Mulej Alla, ħallieq tal-univers,
għajn ta' ħelsien u ta' sliem,
ta' mħabba u ta' fraternità,
int ħlaqtna fuq ix-xbieha tiegħek
u sawwabt fuqna lkoll
in-nifs tiegħek li jagħti l-ħajja,
biex tagħtina sehem fil-komunjoni tiegħek.
Imqar meta aħna ksirna l-patt tiegħek,
int ma tlaqtniex f'ħalq il-mewt
imma fil-ħniena tiegħek bla tarf
dejjem sejjaħtilna biex nerġgħu lura lejk
u biex ngħixu ta' wliedek.
Sawwab fina l-Ispirtu Qaddis tiegħek
u agħtina qalb ġdida,

li kapaċi tisma' l-karba, spiss siekta,
ta' ħutna li tilfu
s-sħana ta' darhom u ta' pajjiżhom.
Agħmel li nkunu nistgħu rroddulhom it-tama
bil-ħarsiet u l-ġesti tagħna ta' umanità.
Agħmilna strumenti tal-paċi
u ta' mħabba konkreta lejn l-aħwa.
Eħlisna mill-biżgħat u mill-preġudizzji,
biex it-tbatijiet tagħhom nagħmluhom tagħna
u nitqabdu flimkien kontra l-inġustizzja;
biex tikber dinja fejn kull persuna
tiġi rrispettata fid-dinjità invjolabbli tagħha,
dik li int, o Missier, qegħidt fina
u Ibnek ikkonsagra għal dejjem.
Ammen.

https://www.laikos.org/papa_frangisku_malta_halfar_03042022.htm

4. Kont għeri u libbistuni

4.1. Ice-breaker: Il-mummja tal-Eġittu

4.1.1. Aqsam il-grupp fi gruppi iżgħar ta' madwar 3/4 kull grupp. Agħti lil kull grupp romblu jew aktar toilet paper.

4.1.2. Kull grupp irid jagħżel lil xi ħadd minn ħdan il-grupp biex jiġi mlibbes bit-toilet paper, qisu kien mummja tal-Eġittu. Il-logħba tintemm meta kull grupp ikun libbes lill-mummja tiegħu. Ara min "tlibbes" l-aħjar.

4.1.3. Idealment it-toilet paper użat jerġa' jinġabar biex ma jinħeliex fix-xejn.

4.2. Role Play: Il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb (Lq 10:25-37)

4.2.1. Agħżel grupp ta' studenti biex jaħdmu r-role play tas-samaritan it-tajjeb. Ikollok bżonn dawn il-persunaġġi: is-samaritan it-tajjeb, ir-raġel li waqa' f'idejn l-ħallelin, ħallelin, qassis, levita, u sid il-lukanda.

4.2.2. Sakemm titħejja r-role play, itlob lill-adolexxenti l-oħra jfittxu fuq l-industrija tal-moda (*fashion industry*), pereżempju l-effetti negattivi tal-industrija, l-industrija tal-moda u l-ambjent, l-annimali li jitkabbru għall-ġild jew il-fur, eċċ.

4.3. Qsim ta' esperjenzi

4.3.1. Wara r-role play aqra s-silta ta' Lq 10:25-37

Mela jqum wieħed għaref fil-Liġi u, biex iġarrbu, staqsieh: "Mgħallem, x'nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem?" Qallu Ġesù: "Fil-Liġi x'hemm miktub? Inti x'taqra fiha?" U dak wieġeb: "Int għandek tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu, u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek." "Sewwa weġibt," qallu Ġesù, "agħmel hekk u tgħix." Iżda dak, biex juri li kellu raġun, qal lil Ġesù: "U l-proxxmu tiegħi min hu?" U Ġesù raġa' qabad jgħidlu: "Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, u waqa' f'idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu, u ħallewh nofsu mejjet. Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Hekk ukoll wieħed levita, meta wasal hemm u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu, u mbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu. L-għada ħareġ biċċtejn flus, tahom lil tal-lukanda u qallu, "Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi.' Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu ma' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin?" "Min ħenn għalih," wieġbu dak. "Mur," qallu Ġesù, "u agħmel hekk int ukoll."

4.3.2. Staqsi lill-adolexxenti jgħidu l-impressjonijiet tagħhom.

4.4. Katekeżi

4.4.1. Waħda mill-ewwel esperjenzi tar-rakkont bibliku tal-ħolqien hi marbuta mal-ilbies. Wara l-esperjenza tad-dnub oriġinali, il-ktieb tal-Ġenesi jgħid: "U nfetħu għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għerja, u ħietu weraq tat-tin, u għamlu iħżma." (3:7) Li tilbes mhux ġej biss mill-istħija tal-għera, imma jidher li hu bżonn naturali, hu mod

espressiv kif il-persuna tippreżenta lilha nfisha u tikkomunika mal-oħrajn. Anke f'soċjetajiet primitivi, xorta hemm ilbies bażiku li jgħatti l-intimità tal-persuna.

4.4.2. Fil-Bibbja nsibu esperjenzi fejn Alla jidher ilibbes lill-poplu tiegħu jew lil xi persuna partikulari biex jesprimi l-imħabba speċjali li għandu lejh/a. Hekk, pereżempju, il-profeta Eżekjel, waqt li jirrifletti fuq l-għażla tal-Poplu Lhudi, jgħid: "U jiena għaddejt minn ħdejk u ħarist, u rajtek li kont fi żmienek, żmien l-imħabba. Jien frixt fuqek djul mantari u għattejtlek għawarek; u ħliftlek u dħalt f'patt miegħek, u int sirt tiegħi, oraklu ta' Sidi l-Mulej. Ħsiltek bl-ilma, naddaftlek demmek u biż-żejt dliktek. Libbistek il-brukkat u xeddejtlek sandli tad-delfin, dawwartek bl-għażel u ksejtek bil-ħarir. Żejjintek bil-ġawhar; qegħedtlek il-brazzuletti f'dirgħajk, u ġiżirana ma' għonqok; qegħedtlek ħolqa f'imnifsejk, u msielet f'widnejk, u dijadema sabiħa tlellex f'rasek. Kont imżejjna bid-deheb u l-fidda, u lbiesek kien għażel, ħarir, u brukkat. Smid, u għasel, u żejt kont tiekol. Kont sirt sabiħa fuq li sabiħa, u kien jixraqlek tkun sultana. Beda jissemma ġmielek fost il-ġnus: għax xejn ma kien jonqsu t-tiżjin li jien qegħedt fuqek, oraklu ta' Sidi l-Mulej." (16:8-14)

4.4.3. Mod ta' kif Alla juri l-imħabba tiegħu lejn il-fqir u l-barrani hu billi jipprovdilu x'jilbes: "Jagħmel il-ġustizzja mal-iltim u mal-armla, u jħobb il-barrani u jagħtih ħobż u lbies." (Dewt 10:18) Din il-providenza ta' Alla tkompli tidher fil-persuna ta' Ġesù, fejn lid-dixxipli tiegħu jgħidilhom li kif Alla jlibbes bil-ġmiel il-ħaxix tar-raba', hekk jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-bniedem. Biex aktar jumiljaw lil Ġesù fuq is-salib, is-suldati ħadulu ħwejġu u ħallewh imut għeri.

4.4.4. Fl-Ittri ta' San Pawl insibu kif in-Nisrani li jitgħammed ixidd fuq il-libsa ta' Kristu, li hu Kristu nnifsu. Fl-esperjenza tal-magħmudija, in-Nisrani jinża' l-bniedem il-qadim jew il-libsa tad-dnub, biex jilbes il-bniedem ġdid, il-libsa ġdida. Sa minn kmieni, din il-libsa daħlet bħala parti mir-rit tal-magħmudija sal-lum, fejn it-tarbija, wara li tiġi mgħammda, tiġi mlibbsa bil-libsa bajda tal-magħmudija. Fl-ewwel sekli, in-neofiti, jiġifieri l-imgħammdin ġodda, li kienu jitgħammdu f'Sibt il-Għid, kienu jżommu fuqhom il-libsa tal-magħmudija għal ġimgħa sħiħa, u mbagħad jinżgħuha l-Ħadd ta' wara l-Għid, biex jerġgħu jilbsu l-ilbies ordinarji ta' kuljum.

4.4.5. Meta persuna taħrab minn pajjiżha minħabba persekuzzjoni, gwerra jew vjolenza, normalment ma jkollhiex ċans iġġorr magħha bagalji bil-ħwejjeġ u l-affarijiet personali, bħal meta wieħed isiefer għal ftit jiem. Dan narawh aktar u aktar meta jaslu immigranti fostna fuq id-dgħajjes. Jivvjaġġaw b'ta fuqhom senduqhom. Meta r-refuġjati jew migranti oħra f'dan l-istat jaslu f'pajjiż ieħor jew f'kamp ta' refuġjati, ikunu fil-bżonn ta' kollox: ikel, xorb, ħwejjeġ. Dawn jistgħu jiġu pprovduti kemm minn aġenziji internazzjonali, organizzazzjonijiet governattivi, kif ukoll mill-ġenerożità ta' individwi.

4.4.6. Hawn voluntiera u organizzazzjonijiet non governattivi li jiġbru ħwejjeġ użati biex jintbagħtu kontejners fejn hemm ir-refuġjati jew f'pajjiżi foqra. F'diversi pajjiżi jeżistu ħwienet tal-ħwejjeġ *second hand*, għal persuni li ma jkunux jifilħu jixtru ħwejjeġ ġodda li jiswew ħafna flus. Hemm min ikollu bżonn ta' kutri għax-xitwa, jew ħrieqi għat-tfal, lożor, xugamani, żraben… Mhux kulħadd għandu l-lussu li jixtri ħwejjeġ tad-ditta u jibdel il-ħwejjeġ meta jiftillu.

4.4.7. Staqsi lill-adolexxenti x'tagħrif sabu fuq l-industrija tal-moda u l-effetti negattivi tagħha.

4.5. Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku

Nlibbsu lil min hu għarwien: xi jfisser dan jekk mhux li rroddu d-dinjità lil min tilifha? Bla dubju, għandna nagħtu x'jilbes lil min m'għandux; imma naħsbu wkoll fin-nisa vittmi tan-negozju u mixħuta fit-triq, jew fl-oħrajn, tant modi kif il-ġisem tal-bniedem qed jintuża bħala merċa, saħansitra dak tat-tfal. U hekk, anki dik ta' min m'għandux xogħol, dar, paga ġusta hi xorta ta' għera, jew li xi ħadd ikun diskriminat minħabba razza, jew fidi, dawn huma kollha xorta ta' "għera", li quddiemhom bħala Nsara aħna msejħa nkunu attenti, għassa u lesti biex naġixxu. (Udjenza Ġenerali, 26 ta' Ottubru 2016)

4.6. Vidjo clip

- Clothes boutique in a refugee camp - YouTube
-
- Stieden lill-adolexxenti jaqsmu l-impressjonijiet tagħhom.

4.7. Ġesti

- Bi ftehim ma' organizzazzjoni lokali, jista' jsir ġbir ta' ħwejjeġ/kutri eċċ. f'kundizzjoni tajba u nodfa biex jintbagħtu l-missjoni jew għal xi realtà simili.

4.8. Talba

Salm 8

Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet.
Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih
fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib;
int, li bnejt sur kontra l-għedewwa,
biex iġġib fix-xejn l-għadu u 'l min iqum kontrik.
Nħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!
X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?
Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' idejk!
Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:
in-nagħaġ u l-baqar kollha, sal-bhejjem tax-xagħri;
l-għasafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar,
dak kollu li jterraq fil-baħar.
Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

5. Kont marid u ġejtu tarawni

5.1. Ice-breaker: First aid stretchers

5.1.1. Il-logħba tikkonsisti filli wieħed jimmaġina li seħħet traġedja kbira li ħalliet ħafna feriti, li jridu jinġarru l-isptar għall-kura.

5.1.2. Aqsam il-grupp f'żewġ gruppi separati biex jikkompetu bejniethom. Jekk il-grupp hu kbir ħafna, jista' jinqasam fi tliet gruppi jew aktar. Kull grupp jagħżel tnejn li se jkunu l-ewwel first aid stretchers. Dawn imorru fuq il-ġenb oppost tal-bqija tal-grupp, li jkunu jirrapreżentaw il-feruti. Il-first aid stretchers iridu jġorru wieħed wieħed, waħda waħda l-pazjenti minn naħa għal oħra tas-sala bla ma dawn tal-aħħar imissu saqajhom fl-art. Dan jagħmluh billi l-first aid stretchers iżommu jdejhom f'xulxin u fuq idejhom iġorru pazjent kull darba.

5.1.3. Biex l-eżerċizzju jsir aktar interessanti, il-pazjenti li jinġarru l-isptar jibdlu r-rwol u jsiru l-first aid stretchers li jġorru l-pazjent li jkun imiss. Il-logħba tintemm meta ma jibqax aktar feruti x'jinġarru.

5.2. Role Plays: Ġesù jfejjaq wieħed mifluġ (Mk 2:1-12) u Ġesù jfejjaq 10 morda bil-lebbra (Lq 17:11-19)

5.2.1. Agħżel grupp ta' studenti biex jaħdmu r-role play tal-fejqan tal-mifluġ. Ikollok bżonn dawn il-persunaġġi: Ġesù, folla, ir-raġel marid, l-4 persuni li jġorruh.

5.2.2. Grupp ieħor ta' studenti jaħdem ir-role play tal-fejqan tal-10 lebbrużi. Ikollok bżonn dawn il-persunaġġi: Ġesù, xi dixxipli, xi persuni lebbrużi.

5.2.3. Jekk il-grupp ikun kbir, jistgħu jsiru role plays oħra ta' mirakli ta' fejqan. B'hekk il-grupp kollu jkun involut fir-role plays.

5.3. Qsim ta' esperjenzi

5.3.1. Wara r-role play aqra s-siltiet ta' Mk 2:1-12 u Lq 17:11-19

Ġesù jfejjaq wieħed mifluġ

Meta wara xi ġranet daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar. U nġabru bosta, hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb. U qagħad ixandrilhom il-kelma. U marru ħadulu quddiemu wieħed mifluġ, merfugħ minn erbgħa min-nies. Billi ma setgħux jersqu sa ħdejh minħabba l-kotra, qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżżlu minnha l-friex li fuqu kien mimdud il-mifluġ. Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: "Ibni, dnubietek maħfura." Mela kien hemm bilqiegħda xi wħud mill-kittieba, u f'qalbhom bdew jgħidu: "Dan kif qiegħed jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?" Malli Ġesù ntebaħ fih innifsu x'kienu qegħdin jgħidu bejnhom u bejn ruħhom qalilhom: "Għaliex qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom? X'inhu l-eħfef, tgħid lill-mifluġ, 'Dnubietek maħfura', jew tgħidlu, 'Qum u aqbad friexek u imxi'? Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art," qal lill-mifluġ, "Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek." Dak qam, qabad malajr friexu, u ħareġ 'il barra quddiem kulħadd. U kulħadd stagħġeb, u bdew ifaħħru lil Alla u jgħidu: "Ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajniehom."

Ġesù jfejjaq għaxar lebbrużi

Ġara li, huwa u sejjer lejn Ġerusalemm, Ġesù għadda minn bejn is-Samarija u l-Galilija. Kif kien dieħel f'raħal, iltaqgħu miegħu għaxart irġiel morda bil-lebbra. Waqfu 'l bogħod minnu, għollew leħinhom u qalulu: "Ġesù, Mgħallem, ikollok ħniena minna!" Kif rahom, qalilhom: "Morru uru rwieħkom lill-qassisin." U ġara li, huma u sejrin, fiequ mill-marda tagħhom. Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, raġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, inxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesù u raddlu ħajr. Issa dan kien Samaritan. U Ġesù qabad u qal: "Mhux l-għaxra fiequ mil-lebbra? Fejn huma d-disgħa l-oħra? Ma kien hemm ħadd minnhom li raġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani!" Imbagħad qallu: "Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek."

5.3.2. Staqsi lill-adolexxenti jgħidu l-impressjonijiet tagħhom.

5.4. Katekeżi

5.4.1. Parti mhix żgħira mill-ministeru pubbliku ta' Ġesù għandha x'taqsam mal-morda u mal-mard. Ġesù ma jikkumbattix biss id-dnub u l-ħażen morali, imma anki dak li jfarrak il-ħajja fiżika u mentali tal-bniedem. Il-fejqan mill-mard hu wieħed mis-sinjali tal-messjaniċità tiegħu: Ġesù jsalva l-bniedem sħiħ, ruħ u ġisem.

5.4.2. Parti mill-missjoni li Ġesù jafda lid-dixxipli tiegħu hi li jfejqu l-morda. Hekk, pereżempju, il-missjoni tat-72 dixxiplu (ara Lq 10) hi magħmula mix-xandir tal-Kelma ta' Alla u l-fejqan tal-morda. L-istess insibu fil-missjoni universali li Ġesù jagħti lill-appostli qabel jitla' s-sema: flimkien max-xandir tal-kelma u mal-ġlieda kontra x-xitan, l-appostli jingħataw il-mandat li jqiegħdu jdejhom fuq il-morda biex jagħtuhom il-fejqan (ara Mk 16). F'dan is-sens, anki l-missjoni tad-dixxipli ta' Kristu hi l-istess waħda ta' Ġesù, jiġifieri tieħu ħsieb issalva lill-bniedem sħiħ. Dan mhux biss permezz tal-mirakli, imma wkoll permezz ta' sinjali konkreti, bħalma hu l-kura tal-morda.

5.4.3. Fl-ittra ta' San Ġakbu niltaqgħu ma' ġest konkret li kienet tagħmel il-Knisja sa mill-bidu tagħha, dik li tidlek il-morda biż-żejt u titlob għalihom il-fejqan. Dan il-ġest żviluppa fis-Sagrament tad-Dilka tal-Morda, wieħed mis-seba' sagramenti tal-Knisja. Dan is-sagrament għandu l-għan li jakkumpanja spiritwalment il-morda, kemm fl-isptarijiet kif ukoll fid-djar tagħhom. Is-sagrament mhux sinjal li l-persuna waslet biex tmut, imma għoti ta' grazzja spiritwali fil-mard.

5.4.4. Matul is-sekli kienu bosta l-inizjattivi tal-Knisja biex tieħu ħsieb il-morda, tikkurahom u tipprovdilhom il-fejqan. Ta' min isemmi, pereżempju, lil San Bażilju, li għex fis-seklu 4. Fis-sena 370 ġie elett Arċisqof ta' Ċesarija bħala suċċessur ta' San Ewsebju. Irnexxielu jqajjem responsabbiltà soċjali kbira fost l-Insara, billi hu stess kien jittallab biex jinbnew sptarijiet, orfanatrofji u skejjel. B'dan il-mod irnexxielu jibni dik li tissejjaħ 'belt tal-ħniena'. Din l-istruttura ta' sptar u bini ta' kenn għall-persuni foqra nbniet ftit 'il barra mill-belt ta' Ċesarija. L-Isqof kien baqa' impressjonat bit-tbatija tal-foqra tar-reġjun tal-Pontu, li kienu ntlaqtu mill-pesta fis-sena 369, fejn kien ra lis-sorijiet u l-patrijiet monaċi tal-qrib jieħdu ħsieb it-tfal orfni, u għalhekk ried jibni struttura kbira fil-belt tiegħu f'każ li tiġri xi traġedja simili. L-isptar, li ssejjaħ 'Basilijadi' għalih, hu meqjus bħala mudell għal ħafna istituzzjonijiet simili tal-Knisja tal-ewwel sekli. L-isptar kien jitmexxa mir-reliġjużi.

5.4.5. Eżempju ieħor hu dak ta' San Kamillu de Lellis, li għex fis-sekli 16/17. Bil-ħsieb li jipprovdi nies li jkunu kkwalifikati biex iduru bil-morda, huwa ġabar nies miegħu li kienu lesti li jiddedikaw ruħhom għal dan ix-xogħol. Sadanittant bil-għajnuna tal-konfessur tiegħu San Filippu Neri, huwa sar saċerdot, fl-1584, meta kellu 34 sena. Fl-istess sena waqqaf is-Soċjetà tal-Qaddejja tal-Morda, magħrufa bħala l-Kamilljani. Għall-bidu, kienu jaqdu lill-morda fl-isptar Santu Spirtu ta' Ruma, imbagħad bdew

jikbru u jixterdu. Fl-1588, kienu jikkuraw il-morda bil-pesta li kienu jkunu fuq il-bastimenti li jaslu Ruma. Fl-1605, Patri Kamillu bagħat xi patrijiet tiegħu biex jieħdu ħsieb is-suldati feruti li kienu qed jiġġieldu fl-Ungerija u l-Kroazja. Kienet l-ewwel unità medika fuq il-kamp tal-battalja.

5.4.6. F'bosta nħawi tad-dinja, il-Knisja, direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet Insara, tmexxi għadd ta' kliniċi, lebbrożarji u sptarijiet bil-għan li tipprovdi kura lill-morda. Skont statistika aġġornata fl-aħħar ta' Diċembru 2019, l-istituti ta' beneficenza u assistenza fid-dinja mmexxija mill-Knisja kienu jinkludu: 5,245 sptar, il-parti l-kbira fil-kontinent Afrikan u fil-kontinent Amerikan; 14,963 klinika, il-parti l-kbira tagħhom Fl-Afrika u l-Amerika; 532 lebbrożarju, il-parti l-kbira fl-Asja u fl-Akrika; 15,429 dar għall-anzjani, għall-morda kroniċi u l-persuni b'diżabiltà, prinċipalment fl-Ewropa u fl-Amerika.

5.4.7. Minbarra dawn l-istituzzjonijiet speċjalizzati, hemm numru kbir ta' voluntiera Nsara li jaħdmu mal-morda jew li jżuru l-morda fl-isptarijiet u lill-anzjani fid-djar għall-anzjani. Post għażiż marbut mal-morda hu Lourdes, fejn kull sena eluf ta' pellegrini morda jiġu akkumpanjati f'dan il-post qaddis. Propju fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes, fil-11 ta' Frar, il-Knisja tiċċelebra Jum il-Morda.

5.5. Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku

Il-ħajja ta' Ġesù, qabelxejn fit-tliet snin tal-ministeru pubbliku tiegħu, kienet laqgħa kontinwa mal-persuni. Fost dawn, il-morda kellhom post speċjali. Kemm paġni tal-Vanġelu jirrakkontaw dawn il-laqgħat! Il-magħtub, l-agħma, l-imġiddem, l-imxajtan, dak li kien ibati b'tal-qamar, u għadd bla tarf u ta' kull xorta... Ġesù resaq qrib ta' kull wieħed u waħda minnhom u fejjaqhom bil-preżenza u l-qawwa tas-setgħa tiegħu li jagħti mill-ġdid il-ħajja. Għalhekk, ma jistax jonqos li fost l-opri tal-ħniena jkun hemm dik li nżuru u ngħinu lill-morda.

B'dawn l-opri tal-ħniena l-Mulej qed jistedinna għal ġest ta' umanità kbira: li *naqsmu* ma' xulxin. Niftakruha din il-kelma: li naqsmu. Min hu marid, spiss iħossu waħdu. Ma nistgħux naħbu l-fatt li, fuq kollox fi żmienna, sewwasew fil-mard wieħed iġarrab bl-aktar mod qawwi s-solitudni li tolqot parti kbira minn ħajjitna. Żjara tista' tgħin lill-marid biex iħossu inqas waħdu u xi ftit tal-kumpanija hi l-aqwa mediċina! Tbissima, żegħila, taptipa ta' id huma ġesti sempliċi, imma hekk importanti għal min iħossu li ġie abbandunat waħdu. Kemm persuni jiddedikaw ruħhom għaż-żjajjar tal-morda fl-isptarijiet jew fi djarhom! Hi opra ta' volontarjat li m'hemmx prezzha. Meta ssir f'isem il-Mulej, issir ukoll *espressjoni elokwenti u effikaċi ta' ħniena*. Ejjew ma nħalluhomx waħidhom lill-persuna morda! Ma nċaħħduhomx mis-serħan li jfittxu, u ma nċaħħdux lilna nfusna mill-għana li nistgħu niksbu mill-qrubija lejn min qed ibati. L-isptarijiet huma tassew "katidrali tat-tbatija", imma minnhom toħroġ ċara wkoll il-qawwa tal-imħabba li twieżen u turi ħniena. (Udjenza Ġenerali, 9 ta' Novembru 2016)

5.6. Vidjo clip

- The Healing Waters of Lourdes - YouTube

5.7. Ġesti

- Tista' ssir żjara lill-anzjani f'xi waħda mill-Homes jew fl-isptar.
- Jista' jiġi mistieden tabib jew ners biex jitkellmu fuq il-professjoni tagħhom mal-morda.

5.8. Talba

Missier Qaddis,
kulma għandna ġej kollu minnek:
mexxi kollox lejn il-ġid.
Int ittella' x-xemx fuq it-tajba u fuq il-ħżiena
u tagħti l-barkiet tiegħek lil uliedek kollha:
tħalliniex naħsbuk li tlaqtna,
imma agħtina li kuljum naraw ħjiel tal-imħabba tiegħek.
Ibnek Ġesù qorob lejna, sar bniedem bħalna,
u bħalna ġarrab it-tbatija, it-toqol u l-uġigħ:
tħalliniex naqgħu fit-tgemgim,
imma agħmel li t-tiġrib tagħna jqarribna lejh.
It-tbatija u l-mewt tiegħu swew għall-fidwa tagħna,
u fid-dgħufija tas-salib dehret imħabbtu fl-aqwa tagħha:
tħalliniex naħsbu li ma niswew għal xejn,
imma urina kif nistgħu nkunu ta' ġid għall-oħrajn.
Ġesù Ibnek rebaħ il-mewt
u lilna tana tama u ħajja ġdida:
tħalliniex ninħakmu mill-biża' u mill-qtigħ il-qalb,
imma mliena dejjem bil-fiduċja fik.
Permezz tal-Ispirtu s-Santu
int tiġbor lil kulħadd flimkien fi Knisja waħda:
ħu f'idejk anki din it-tbatija tiegħi
biex tkun ta' ġid għall-Knisja u għall-missjoni tagħha.
Dan nitolbuk
bl-interċessjoni ta' Marija.
Ammen.

(Djoċesi ta' Għawdex, Talba tal-Morda għas-sena pastorali 2021-2022)

6. Kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni

6.1. Ice-breaker: Five-legged race

6.1.1. Il-logħba hi dik klassika tat-three-legged race, bid-differenza li flok żewġ adolexxenti marbuta minn sieqhom flimkien, ikun hemm erba' studenti (jew aktar).

6.1.2. Aqsam il-grupp fi gruppi iżgħar ta' erbgħa. Kull grupp jerġa' jinqasam fi tnejn: żewġ adolexxenti fuq naħa tas-sala u tnejn oħra n-naħa l-oħra.

6.1.3. L-ewwel adolexxent jitlaq lejn il-ġenb l-ieħor tas-sala u jorbot miegħu wieħed mill-adolexxenti. Dawn jimxu marbuta flimkien lejn in-naħa opposta u jorbtu t-tielet wieħed. Il-logħba tibqa' sejra sakemm l-erba' adolexxenti jkun marbuta flimkien u jaslu fi tmiem il-ġirja.

6.1.4. Ikollok bżonn xi faxex taċ-ċarruta biex l-adolexxenti jorbtu saqajhom flimkien. Meta jkunu marbuta flimkien, wieħed irid joqgħod attent li l-adolexxenti jimxu bil-galbu, mingħajr ġiri żejjed. Ir-rabta trid tkun rabta ċoff biex ikun faċli li l-adolexxenti jħolluha.

6.2. Role Play: L-arrest u l-ħelsien ta' Pietru mill-ħabs (Atti 12:1-11)

6.2.1. Agħżel grupp ta' studenti biex jaħdmu r-role play. Ikollhom bżonn dawn il-persunaġġi: Ġakbu, Pietru, Erodi, numru ta' suldati.

6.2.2. Waqt li l-ewwel grupp ikun jipprepara r-role play, l-adolexxenti l-oħra jagħmlu ftit tiftix permezz tal-mobile fuq il-ħabs ta' Malta. Dan it-tagħrif imbagħad jiġi maqsum mal-oħrajn waqt il-mument tal-katekeżi.

6.3. Qsim ta' esperjenzi

6.3.1. Wara r-role play aqra s-silta ta' Atti 12:1-11

Il-martirju ta' Ġakbu u l-arrest ta' Pietru

Għall-ħabta ta' dak iż-żmien, is-sultan Erodi medd idu fuq xi wħud mill-Knisja biex jaħqarhom. Huwa qabad lil Ġakbu, ħu Ġwanni, u qatagħlu rasu. Imbagħad, meta ra li dan għoġob lil-Lhud, qabad lil Pietru wkoll. Dan kien fi żmien il-festa tal-Ażżmi. Meta arrestah u tefgħu l-ħabs, bagħat erba' gruppi ta' erba' suldati kull wieħed biex joqogħdu għassa tiegħu, bil-ħsieb li, wara l-Għid, iressqu quddiem il-poplu. Pietru, mela, kien arrestat fil-ħabs. Fl-istess ħin, il-Knisja kienet qiegħda titlob lil Alla għalih bil-ħerqa.

Pietru meħlus mill-ħabs

Fil-lejl stess ta' qabel ma Erodi kellu joħroġ lil Pietru, dan kien rieqed bejn żewġ suldati, marbut b'żewġ ktajjen; u kien hemm għases oħra mal-bieb tal-ħabs. F'daqqa waħda deher anġlu tal-Mulej, u dawl idda mal-kamra. L-anġlu ta daqqa lil Pietru fuq ġenbu, qajmu u qallu: "Qum malajr." U l-ktajjen waqgħu minn ma' idejh. Imbagħad l-anġlu qallu: "Ħażżem u ilbes il-qorq." U Pietru hekk għamel. U raġa' qallu: "Dawwar il-mantar miegħek u ejja warajja." Pietru ħareġ u mar warajh, bla ma ntebaħ li dak li kien qiegħed jiġri permezz tal-anġlu kien veru; stħajjel li kienet xi viżjoni. Għaddew l-ewwel għassa, u t-tieni wkoll, u waslu ħdejn il-bieb tal-ħadid, li kien jagħti għall-belt, u dan infetaħ waħdu. Ħarġu, u mxew triq flimkien, meta f'daqqa waħda l-anġlu telaq minn ħdejh. Imbagħad Pietru ġie f'tiegħu u qal: "Issa naf tassew li l-Mulej bagħat l-anġlu tiegħu u ħelisni minn id Erodi u minn dak kollu li l-Lhud kienu qegħdin jistennew li jsir."

6.3.2. Staqsi lill-adolexxenti jgħidu l-impressjonijiet tagħhom.

6.4. Katekeżi

6.4.1. Ġesù nnifsu għadda mill-esperjenza tal-arrest, il-vjolenza u ż-żebliħ tas-suldati. Nafu li uħud mill-appostli, bħal San Pietru u San Pawl, flimkien ma' dixxipli oħra għaddew mill-esperjenza tal-ħabs. Ruma hemm knisja ddedikata propju lil San Pietru maqful fil-ktajjen. Jisimha San Pietro in vincoli. San Ġwann Battista għamel ukoll l-esperjenza ta' żmien fil-ħabs qabel ġie maqtul. Matul is-sekli, anke fis-seklu 20, bosta Nsara ġew ippersegwitati, mitfugħa l-ħabs u xi drabi maqtula għal Kristu.

6.4.2. Fost il-qaddisin li għamlu l-esperjenza tal-ħabs, ta' min isemmi lil San Franġisk ta' Assisi. Qabel il-konverżjoni radikali tiegħu, ta' żagħżugħ mimli ħolm, Franġisku kellu xewqa li jsir kavallier. Meta nqalgħet gwerra bejn il-belt dik ta' Assisi u dik ta' Peruġja, Franġisku mar jiġġieled iżda waqa' priġunier. Għamel kważi sena maqful fil-ħabs ta' Peruġja qabel ġie mifdi. Dan iż-żmien servieh biex jirrifletti fuq il-valur tal-ħajja tiegħu u x'kellu jagħmel b'ħajtu. Ta' min isemmi l-ġrajja ta' Jacques Fesch, żagħżugħ Franċiż li ġie maqtul bil-giljottina fl-1957 għax kien qatel pulizija. Fiż-żmien li qatta' l-ħabs għadda minn bidla kbira f'ħajtu li wasslitu biex jikkonverti u jaċċetta l-mewt. L-Arċisqof ta' Pariġi, il-Kardinal Lustiger, kien fetaħ il-kawża għall-beatifikazzjoni tiegħu.

6.4.3. Bosta d-drabi nħarsu lejn il-ħabs bħala post tal-kastig. Li tneħħi l-libertà ta' persuna filfatt hu kastig biex wieħed ipatti għal reat kriminali li jkun wettaq u ma jkunx ta' ħsara għas-soċjetà. Imma llum inħarsu lejn il-ħabs ukoll bħala żmien ta' riabilitazzjoni, fejn priġunier jista' jiġi mgħejjun jifhem u jaċċetta r-responsabiltà għall-għemil ħażin tiegħu, u jibda triq ta' ħajja aħjar, ta' "konverżjoni". Meta jiskontaw is-sentenza tal-ħabs, il-ħabsin mhux dejjem isibuha faċli biex jintegraw mill-ġdid fis-soċjetà, forsi wkoll minħabba l-preġudizzji fil-konfront ta' min kien il-ħabs.

6.4.4. Fl-istorja anke reċenti tad-dinja hemm esperjenza kiefra u ta' tbatija kbira marbutin mal-ħabs. Ġieli l-priġunieri ġew ittorturati. Dan seħħ anki fl-istorja tal-Knisja, fi żmien l-Inkwiżizzjoni. It-tortura llum mhix permessa għax teħodha kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ta' min isemmi l-esperjenzi tal-ħabsijiet fi żmien il-Komuniżmu Russu (il-*gulags*) u dawk ta' żmien in-Nażismu (il-kampijiet ta' konċentrament).

6.4.5. Sa minn żminijiet ilu, il-Knisja kienet u għadha qrib il-priġunieri fil-ħabsijiet permezz ta' kura pastorali speċjalizzata. F'pajjiżna, is-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida flimkien mal-Patrijiet Kapuċċini jagħtu dan is-servizz fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Wieħed jista' jitlob lill-adolexxenti jaqsmu t-tagħrif li sabu fuq il-ħabs ta' Kordin.

6.4.6. Il-Papa Franġisku għandu għożża speċjali għall-ħabsin. Kemm fl-Italja u wkoll fi wħud mill-vjaġġi appostoliċi tiegħu barra mill-Italja, il-Papa jżur il-ħabsin, ikellimhom, jiekol magħhom u jaħslilhom saqajhom meta jiċċelebra l-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka fil-ħabs. F'Ġunju 2021, il-Papa laqgħa grupp ta' priġunieri fil-Vatikan. Mal-priġunieri, il-Papa jħobb jitkellem fuq il-ħniena ta' Alla.

6.4.7. Il-Papa Franġisku jħobb jgħid li kulħadd jiżbalja fil-ħajja. Forsi sewwa nitgħallmu jkollna atteġġjament *nonjudgemental*, mhux biss fil-konfront tal-ħabsin, imma wkoll b'mod ġenerali. Dan ifisser li ma nħallux l-opinjonijiet tagħna u l-*biases* tagħna jikkundizzjonawna b'tali mod li ma naraw xejn tajjeb fl-oħrajn.

6.5. Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku

Jiġuni f'moħħi dawk kollha li huma maqfula l-ħabs. Ġesù lanqas lilhom ma nesa. Meta qiegħed iż-żjara lill-ħabsin fost l-opri tal-ħniena, ried jistedinna, qabelxejn, biex ma nkunu mħallfin fuq ħadd. Bla dubju, jekk wieħed qiegħed il-ħabs, dan għax żbalja, ma rrispettax il-liġi u l-konvivenza soċjali. Għalhekk qiegħed fil-ħabs jiskonta l-piena tiegħu. Imma għamel x'għamel dak li qiegħed il-ħabs, hu jibqa' dejjem maħbub minn Alla. Min jista' jidħol ġewwa nett tal-kuxjenza tiegħu biex jifhem x'qed iħoss? Min jista' jifhem it-tbatija u r-rimors tiegħu? Faċli ħafna naħslu jdejna u ngħidu li żbalja. In-Nisrani pjuttost hu msejjaħ jieħu r-responsabbiltà, biex min żbalja jifhem il-ħażen li għamel u jerġa' lura fuq saqajh. In-nuqqas ta' libertà hi bla dubju waħda mill-ikbar ċaħdiet li jista' jkollu bniedem. Jekk ma' din inżidu l-qagħda kerha minħabba fil-kundizzjonijiet spiss xejn umani li fihom isibu ruħhom jgħixu dawn il-persuni, allura hu tabilħaqq każ li fih in-Nisrani jħossu mqanqal jagħmel minn kollox biex tintraddilhom id-dinjità tagħhom.

Li nżuru lill-persuni fil-ħabs hi opra ta' ħniena li fuq kollox illum tassumi valur partikulari minħabba fid-diversi xejriet ta' ġustizzjaliżmu li waqajna fihom. Mela ħadd m'għandu jipponta subgħajh lejn ħadd. Imma lkoll għandna nsiru strumenti ta' ħniena, b'atteġġjamenti ta' qsim u ta' rispett. Spiss jiġuni f'moħħi l-ħabsin… spiss naħseb fihom, inġorrhom f'qalbi. Nistaqsi lili nnifsi x'wassalhom biex jagħmlu xi delinkwenza u kif spiċċaw ċedew għad-diversi għamliet ta' ħażen. Madankollu, flimkien ma' dawk il-ħsibijiet inħoss li kollha għandhom bżonn lil min ikun qrib tagħhom u jurihom ħlewwa u tjieba, għax il-ħniena ta' Alla tagħmel l-għeġubijiet. Kemm dmugħ rajt iġelben fuq ħuġbejn il-ħabsin li forsi qatt f'ħajjithom ma kienu għadhom bkew; u dan sempliċement għax ħassewhom milqugħa u maħbuba.

U ma ninsewx li anki Ġesù u l-Appostli għamlu esperjenza tal-ħabs. Fir-rakkonti tal-Passjoni naraw it-tbatija li kellu joqgħod għaliha Ġesù: maqbud, imkaxkar bħallikieku kien xi raġel ħażin, imżeblaħ, imsawwat, inkurunat bix-xewk… Hu, li hu waħdu l-Innoċenti! U anki San Pietru u San Pawl kienu l-ħabs (ara Atti 12:5; Fil 1:12-17). Il-Ħadd li għadda – li kien Ħadd il-Ġublew tal-Ħabsin – filgħaxija ltqajt ma' grupp ta' ħabsin minn Padova. Staqsejthom x'kienu se jagħmlu l-għada, qabel jerġgħu lura Padova. Qaluli: "Se mmorru fil-ħabs ta' Mamertino biex ngħixu l-istess esperjenza ta' San Pawl". Kemm hi ħaġa sabiħa, kemm għamilli ġid nisma' dan! Dawn il-ħabsin riedu jmorru jaraw lil Pawlu ħabsi. X'ħaġa sabiħa, u għamlitli ħafna ġid. U anki hemm, fil-ħabs, talbu u evanġelizzaw. Il-paġna tal-Atti tal-Appostli fejn naqraw dwar Pawlu fil-ħabs fiha rakkont li jqanqalna: ħassu waħdu u xtaq li kieku xi ħadd minn ħbiebu jmur iżuru (ara 2 Tim 4:9-15). Ħassu waħdu għax il-parti l-kbira kienu telquh waħdu… il-kbir Pawlu.

6.6. Vidjo clip

- Pope visits Mexican prison. Calls for social reintegration programs to improve - YouTube

6.7. Ġesti

- Jista' jintwera l-film *Dead man walking*
- Jista' jsir kuntatt mal-kappillan tal-ħabs u wieħed jistudja x'tip ta' inizjattiva tista' tittieħed. Pereżempju, kartolina fil-birthday ta' xi priġunieri.

6.8. Talba (Salm 4)

Weġibni, meta nsejjaħlek,
Alla tal-ġustizzja tiegħi;
oħroġni fil-wisa' meta nkun imdejjaq,
ħenn għalija u isma' talbi.
Intom, bnedmin, kemm se ddumu twebbsu qalbkom?
Għax tħobbu l-frugħa u tfittxu l-gideb?
Kunu afu li l-Mulej wera tjieba kbira miegħi;
jismagħni l-Mulej meta nsejjaħlu.
Triegħdu bil-biża', u la tidinbux;
aħsbu f'qalbkom billejl, u isktu!
Offru s-sagrifiċċji li għandkom tagħmlu,
u ittamaw fil-Mulej.
Ħafna jgħidu: "Min jurina r-riżq?"
Ixħet fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek.
Int nissilt l-hena f'qalbi,
aktar mill-kotra tal-qamħ u l-inbid tagħhom.
Nimtedd u norqod minnufih fis-sliem,
għax int waħdek, Mulej, fis-sod tqegħedni.